MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru 422/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**DENNIS MCKAY**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dennis McKay, ta' 34 sena, bin Anthony u Josephine nee' Agius, imwieled nhar it-13 ta' Marzu, 1973, residenti fil-fond numru 88, Flat 6, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 76974(M);

1. Akkuzat talli nhar il-25 ta' Marzu, 2007 ghall-habta tas-2.20pm, f'Xatt Pinto, gewwa l-Furjana, hedded ufficjal pubbliku, u cioe' lil Joseph Camilleri bi kliem;

2. U kif ukoll talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, u kif ukoll dagha fil-pubbliku.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 95 u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammmissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat Dennis McKay hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kotnrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------